

32003R2333

31.12.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 346/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2333/2003**tat-30 ta' Diċembru 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1555/96 rigward trigger levels għal dazji addizzjonali fuq il-lanġas, il-lumi, it-tuffieħ u l-qarabagħli (*courgettes*)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix ta' l-ikel⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 33(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1555/96 tat-30 ta' Lulju 1996 dwar ir-regoli ta' l-applikazzjoni ta' dazji addizzjonali ta' importazzjoni għall-frott u l-ħaxix ta' l-ikel⁽³⁾ kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1916/2003⁽⁴⁾, jipprovdi għal sorveljanza ta' importazzjonijiet tal-prodotti mniżżla f'lista fl-Anness għal dan. Dik is-sorveljanza trid titwettaq bi qbil mar-regoli preskritti fl-Artikolu 308d tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jippreskrivi d-disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità⁽⁵⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1335/2003⁽⁶⁾.

- (2) Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 5(4) tal-Ftehim dwar l-Agricoltura⁽⁷⁾ konkluż matul ir-Round ta' l-Urugwaj ta' negozjati multilaterali dwar il-kummerċ u fid-dawl ta' l-aħħar fatti magħrufa (*data*) disponibbli għall-2001, 2002 u 2003, huwa meħtieġ li jiġu emendati it-trigger levels għal dazji addizzjonali fuq il-lanġas, il-lumi, it-tuffieħ u l-qara' bagħli (*courgettes*).
- (3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Frott u l-Ħaxix ta' l-Ikel Frisk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1555/96 jiġi hawnhekk mibdul bl-Anness miġjub hawn:

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, pġ. 1.

⁽²⁾ ĠU L 7, tal-11.1.2003, pġ. 64.

⁽³⁾ ĠU L 193, tat-3.8.1996, pġ. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 283, tal-31.10.2003, pġ. 34.

⁽⁵⁾ ĠU L 253, tal-11.10.1993, pġ. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 187, tas-26.7.2003, pġ. 16.

⁽⁷⁾ ĠU L 336, tat-23.12.1994, pġ. 22.

ANNEX

"ANNEX

Mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirregolaw l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Kombinata, id-deskrizzjoni tal-prodotti hija meqjusa bħala indikattiva biss. L-iskop tad-dazji addizzjonali għall-għanijiet ta' dan l-Anness huwa stabbilit mill-iskop tal-kodiċijiet tan-NK kif jeżistu fil-waqt ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn 'ex' tidher qabel kodiċi tan-NK, l-iskop tad-dazji addizzjonali huwa stabbilit kemm mill-iskop tal-kodiċi tan-NK kif ukoll mill-perjodu *trigger* korrespondenti.

Nru tas-Serje	Kodiċi tan-NK	Deskrizzjoni	Perjodu <i>trigger</i>	Trigger levels (ftunnellata metrika)
78.0015 78.0020	ex 0702 00 00	Tadam	— l-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Marzu — l-1 ta' April sat-30 ta' Settembru	182 801 25 438
78.0065 78.0075	ex 0707 00 05	Ħjar	— l-1 ta' Mejju sal-31 ta' Ottubru — l-1 ta' Novembru sat-30 ta' April	36 176 13 824
78.0085	ex 0709 10 00	Qaqoċċ	— l-1 ta' Novembru sat-30 ta' Ġunju	1 353
78.0100	0709 90 70	Qarabagħli (<i>courgettes</i>)	— l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru	144 253
78.0110	ex 0805 10 10 ex 0805 10 30 ex 0805 10 50	Larinġ	— l-1 ta' Diċembru sal-31 ta' Mejju	403 222
78.0120	ex 0805 20 10	Klementina	— l-1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar	164 111
78.0130	ex 0805 20 30 ex 0805 20 50 ex 0805 20 70 ex 0805 20 90	Mandolin satsuma); ibridi	— l-1 ta' Novembru sa l-aħħar ta' Frar	89 273
78.0155 78.0160	ex 0805 50 10	Lumi	— l-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Diċembru — l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju	183 211 12 010
78.0170	ex 0806 10 10	Għeneb ta' fuq il-mejda	— il-21 ta' Lulju sa l-20 ta' Novembru	62 108
78.0175 78.0180	ex 0808 10 20 ex 0808 10 50 ex 0808 10 90	Tuffieħ	— l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Awissu — l-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru	725 117 42 076
78.0220 78.0235	ex 0808 20 50	Lanġas	— l-1 ta' Jannar sat-30 ta' April — l-1 ta' Luljusal-31 ta' Diċembru	251 007 84 984
78.0250	ex 0809 10 00	Berquq	— l-1 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju	24 312
78.0265	ex 0809 20 95	Ċirasa oħra, għajr ċirasa qarsa,	— il-21 ta' Mejju sa l-10 ta' Awissu	62 483
78.0270	ex 0809 30	Ħawħ, inklużi n-noċiprisk	— il-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	113 101
78.0280	ex 0809 40 05	Għajnbaqar	— il-11 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru	18 236